A.L. 156 ta' l-1995

ATT DWAR L-IMPIEG TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ (KAP. 210)

Regolamenti ta' l-1995 dwar Persuni b'Diżabilità (Reġistrazzjoni u Appell)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7, 8, 13 u 20 ta' l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar Persuni b'Diżabilità (Reġistrazzjoni u Appell).

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, "l-Att" tfisser l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità.

(2) Il-kliem u l-frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fl-Att.

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

3. (1) Kull min ikun irid li ismu jitniżżel fir-reġistru għandu jagħmel applikazzjoni lill-Korporazzjoni fuq il-formula murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull persuna reġistrata li l-perijodu tar-reġistrazzjoni tagħha jkun ser jiskadi tista', mhux qabel xahrejn u mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel ma jiskadi dak il-perijodu, tagħmel applikazzjoni lill-Korporazzjoni biex isimha jinżamm fir-reġistru fuq il-formula murija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda, jekk deċiżjoni finali mill-Korporazzjoni jew mill-Awtorità, skond il-każ, dwar dik l-applikazzjoni ma titteħidx qabel id-data li fiha jiskadi l-perijodu tar-reġistrazzjoni, isem l-applikant għandu, sakemm tittieħed dik id-deċiżjoni finali, jinżamm fir-reġistru.

(3) Kull min japplika biex ismu jitniżżel fir-reġistru għandu jibgħat ma' l-applikazzjoni tiegħu -

(a) iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, u

(b) ċertifikat mediku li jsaħħaħ l-applikazzjoni tiegħu.

Kondizzjoni għad-dħul jew tiżmim ta' isem fir-reġistru.

4. Ebda applikazzjoni għad-dħul jew għat-tiżmim ta' isem ta' persuna fir-reġistru ma għandha tiġi milqugħa jekk l-applikant ma jkollux tama raġonevoli li jikseb u li jżomm xi xorta ta' impieg jew li jaħdem għal rasu.

Skwalifiki għal dħul jew tiżmim ta' isem fir-reġistru.

5. L-isem ta' ebda persuna ma għandu jiġi mdaħħal jew miżmum fir-reġistru, skond il-każ, jekk -

(a) tkun laħqet l-età ta' tlieta u sittin sena;

(b) tkun qed tiskonta piena ta' priġunerija jew detenzjoni;

(ċ) tkun pazjent kontinwu f'xi sptar jew istituzzjoni taħt ċirkostanzi li għaliha jkun impossibbli, fi żmien raġonevoli, li tiehu impieg jew li taħdem għal rasha jew li tattendi għal kors ta' taħriġ ta' vokazzjoni jew għal kors ta' rijabilitazzjoni industrijali, jekk kors bħal dawk ikun meqjus meħtieġ fil-każ tagħha;

(d) tkun persuna ta' karattru abitwalment ħażin;

(e) tkun f'xi żmien, wara li tiġi mitluba li tattendi kors ta' taħriġ ta' vokazzjoni jew għal kors ta' rijabilitazzjoni industrijali, irrifjutat, naqset jew ittraskurat, mingħajr raġuni tajba, li tattendi jew li tispiċċa kors bħal dawk;

(f) tkun, mingħajr raġuni tajba, irrifjutat li taċċetta, jew naqset li żżomm, impieg xieraq; jew

(ġ) ma tkunx f'dak iż-żmien, ordinarjament residenti f'Malta.

Formula ta' ċertifikat duplikat.

6. (1) Meta isem ta' persuna jkun imdaħħal fir-reġistru skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att, għandu jinħareġ lil dik il-persuna, mingħajr ħlas, ċertifikat skond il-formula murija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull ċertifikat bħal dak għandu jkun iffirmat mill-Korporazzjoni.

Ħruġ ta' ċertifikat duplikat.

7. (1) Meta xi persuna tipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ lilha skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti jkun ġie misruq jew mitluf jew ikun thassar jew ikun ġie distrutt aċċidentalment, il-Korporazzjoni għandha tohroġ lil dik il-persuna, bla ħlas, ċertifikat duplikat, markat ċar bħala hekk, u ffirmat mill-Korporazzjoni.

(2) Il-Korporazzjoni tista', qabel il-ħruġ ta' kull ċertifikat duplikat, teħtieġ lill-persuna li tkun qed titlob dak il-ħruġ li tipprova l-identità tagħha u li tiffirma dikjarazzjoni li jkun fiha dawk id-dettalji dwar is-serq, telf, tħassir jew distruzzjoni, skond il-każ, kif il-Korporazzjoni tista' tiddeċiedi.

(3) Jekk xi persuna li lilha jkun ġie maħruġ ċertifikat duplikat minflok dak li jkun insteraq jew intilef sussegwentement terġa' tiġi fil-pussess taċ-ċertifikat oriġinali, hija għandha, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, tagħti lura lill-Korporazzjoni ċ-ċertifikat duplikat.

Tmiem ta' reġistrazzjoni.

8. Meta l-isem ta' xi persuna jkun, għal xi raġuni kontemplata fl-Att jew f'dawn ir-regolamenti, tneħħa mir-reġistru, iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni relattiv maħruġ lilha skond dawn ir-regolamenti għandu jsir null u bla effett u d-detentur tiegħu għandu, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn avviż mogħti lilu f'dan is-sens mill-Korporazzjoni, jagħti lura lill-Korporazzjoni dak iċ-ċertifikat.

Avviż ta' deċiżjoni mill-Korporazzjoni.

9. Meta, skond id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att, il-Korporazzjoni tavża b'xi deċiżjoni lill-persuna li għaliha tkun tirriferixxi, hija għandha tibgħat ma' dik id-deċiżjoni kopja tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu u tar-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti.

Mod u żmien għal appell.

10. (1) Meta xi persuna tkun trid tappella kontra xi deċiżjoni meħuda taht jew skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att, hija tista', fi żmien tletin ġurnata minn meta tirċievi l-avviż imsemmi fir-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti, tagħmel applikazzjoni lill-Awtorità.

(2) Meta ssir applikazzjoni lill-Awtorità skond il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, dik l-applikazzjoni għandu jkun fiha -

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant; u

(b) fi kliem ċar ir-raġuni jew raġunijiet li jsostnu l-appell tiegħu.

(3) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, kull avviż magħmul bil-mezz ta' ittra bil-posta u mibgħuta fl-indirizz muri fl-applikazzjoni relattiva magħmula skond il-paragrafu (1) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti għandu jitqies, jekk ma jiġix pruvat il-kuntrarju, li jkun ġie riċevut mill-persuna konċernata mhux iktar tard mit-tieni ġurnata wara d-data li fiha tiġi impostata l-ittra.

Konservazzjoni ta' reġistru u notamenti.

11. (1) Kull reġistru miżmum minn xi persuna skond id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 20 ta' l-Att għandu jiġi konservat minn dik il-persuna għal perijodu ta' mhux inqas minn ħames snin mid-data ta' l-aħħar dħul fih.

(2) Kull notament miżmum minn xi persuna skond id-dispożizzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 20 ta' l-Att għandu jiġi konservat minn dik il-persuna għal perijodu ta' mhux inqas minn ħames snin mid-data li għaliha dak in-notament ikun jirriferixxi.

Jirrevoka l-A.L. 12 ta' l-1969.

12. Ir-Regolamenti ta' l-1969 dwar Persuni Inkapaċitati (Reġistrazzjoni u Appell), huma b'dawn revokati.

L-EWWEL SKEDA

Regolament 3 (1)

Applikazzjoni għad-dħul ta' isem fir-Reġistru ta' Persuni b'Diżabilità

1. Isem shih .....

(Ikteb b'ittri KBAR)

2. Indirizz .....

3. Nazzjonalità ..... 4. Età.....

5. Kien hemm applikazzjoni oħra qabel? .....

Jekk iva, għid meta .....

6. FIL-PREŻENT int impjegat jew qed taħdem għal rasek? .....

(a) Jekk iva, għid l-impieg ..... u l-isem u l-indirizz tal-prinċipal .....

(b) Jekk le, għid (i) l-impieg li kellek qabel .....

(ii) perijodu minn ..... sa .....

7. Impieg li int tixtieq .....

Jien qed nibgħat ma' din l-applikazzjoni ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħi u ċertifikat mediku. Jien nkompli niddikjara li l-informazzjoni ta' hawn fuq hi vera u korretta, u jien qed napplika biex ismi jidħol fir-Reġistru ta' Persuni b'Diżabilità.

....

Data *Firma jew marka*

.....

Numru tad-Dokument ta' l-Identità

Xhud tal-marka biss .....

Indirizz tax-xhud .....

Numru tad-Dokument ta' l-Identità .....

IT-TIENI SKEDA

Regolament 3 (2)

Applikazzjoni għat-tiżmim ta' isem fir-Reġistru ta' Persuni b'Diżabilità

1. Isem sħiħ .....
(Ikteb b'ittri KBAR)

2. Indirizz .....

3. Numru taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni .....

4. Data meta Jiskadi ċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni .....

5. Impieg preżenti .....

6. L-isem u l-indirizz tal-prinċipal .....

.....

Jien qed napplika biex ismi jiġi miżmum fir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità.

....
Data *Firma jew marka*

.....
Numru tad-Dokument ta' l-Identità

Xhud tal-marka biss .....

Indirizz tax-xhud .....

Numru tad-Dokument ta' l-Identità .....

B 1140

IT-TIELET SKEDA

Regolament 6

ĊERTIFIKAT TA' REĠISTRAZZJONI

Reġistrazzjoni Nru. .....

1. Isem id-Detentur .....

2. Indirizz tad-Detentur .....

L-isem tal-persuna hawn fuq imsemmi huwa mdahhal fir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità skond u għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità, Kap. 210.

Ir-reġistrazzjoni tiskadi fi .....

Firma tal-Korporazzjoni
ta' Xogħol u Taħriġ .....

Data .....

Firma jew marka tad-detentur .....

Numru tad-Dokument ta' l-Identità .....

Xhud tal-marka biss .....

Indirizz tax-xhud .....

Numru tad-Dokument ta' l-Identità .....